MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 247/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Valletta)**
**(Spt. C. Pullicino)**
**Vs**
**Raymond Pace**
**Paul Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta’ Lulju, 2008, filghodu, fil-Belt Valletta quddiem Kastilja,

1. ffurmaw gemgha ta’ tlett persuni jew aktar jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b’mod tali u taht cirkostanzi tali ta’ vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta’ nies, wiri ta’ armi jew xort’ohra, li setghu jgibu twerwir u biza’ fost in-nies f’Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, hadu parti attiva f’gemgha ta’

ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikulari, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ffurmaw f'parti minn gemgha ta' tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita' kompetenti biex jixxerrdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f'numru ta' tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 28A, 28B, 79, 68(2), 80 u 338(ee) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant Raymond Pace, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-appellant Raymond Pace ammetta fi stadju bikri tal-kawza w l-fedina penali tieghu, ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija w elf, mija w hamsa w sittin Euro (€ 1165) multa w ordnat li din is-sentenza nkwantu l-piena ta' prigunerija m'ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Sabet lill-appellant Paul Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-eta' tenera tal-istess appellant Paul Borg u l-fedina penali netta, kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija w elf, mija w hamsa w sittin Euro (€ 1165) multa w ordnat li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta'

prigunerija m'ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Finalment il-Qorti tat lill-appellanti l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Pace minnu pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha temenda s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tieghu dwar l-akkuzi kollha gia minnu ammessi, tbiddel il-piena nflitta fuqu u minflok tnaqqas l-istess piena w taghtih piena illi hija aktar moderata w addatta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Borg minnu pprezentat fl-4 t'Awissu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma l-parti fejn sabitu hati ta' l-akkuzi kif dedotti, tirriforma s-sentenza ghal dak jikkoncerna l-piena nflitta w tipprovdi wahda aktar miti w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal li bih Dr. Lara Lanfranco, ghall-prosekuzzjoni, eccepiet in-nullita' tar-rikorsi tal-appell taz-zewg appellanti ghaliex, fil-kaz tal-appellant Pace, ma saritx talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w lanqas ma nghatat garanzija skond il-ligi w li inoltre dan l-appellant kien sahansitra hallas parti mill-multa fl-4 t' Awwissu, 2008 w li, fil-kaz tal-appellant Borg, dan kien ottjena s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza biss wara rikors li gie prezentat wara erbat ijiem mid-data tas-sentenza w b'digriet tal-Ewwel Qorti tal-istess data w cioe' id-29 ta' Lulju, 2008.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Rat it-talba ta' Dr. Jose' Herrera biex ikun jista' jaghmel Nota dwar din il-pregudizzjali;

Rat id-Digriet taghha li biha ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari ghas-seduta tal-lum, bil-fakolta' lid-difensur li jipprezenta nota fi zmien tmint ijiem.

Rat in-Nota spjegattiva (sic!) tal-appellant Raymond Pace tas-17 ta' Novembru, 2008.

Rat in-Nota tal-appellant Paul Borg ipprezentata fit-18 ta' Novembru, 2008.

Ikkonsidrat;

Illi mhux kontestat li fid-data tas-sentenza ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti miz-zewg appellanti ghal xi raguni li jafuha huma (ara fol. 38 u 39). Mid-dehra l-appellanti kellhom ripensament u fil-kaz tal-appellant Borg kien biss erbat ijiem wara d-data tas-sentenza li permezz ta' rikors (fol. 61) iddikjara li kien behsiebu jappella w talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza biex ikun jista' jappella. Dan ir-rikors gie degretat dak in-nhar stess. Borg umbaghad ipprezenta r-rikors tal-appell fl-4 t' Awwissu, 2008. Fil-kaz tal-appellant Pace ma saret ebda talba simili izda hu xorta wahda pprezenta r-rikors tal-appell tieghu fil-31 ta' Lulju, 2008. Mill-atti jirrizulta mbaghad li dan l-appellant Pace fl-4 t' Awwissu, 2008 hallas is-somma ta' Ewro 215 akkont tal-multa li gie kundannat ihallas.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Mario Mifsud"** [5.5.1994] :-

*"Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita' u irritwalita' tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali, jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza, liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta' li wiehed jappella (ara:* ***"Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech"****, App. Krim. 28.1.94 ;* ***"Il-Pulizija vs. Frangisk Borg"****, 18.1.41; Vol.*

*XXXIII.iv.391 u **"Il-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi'**.)"*

u aktar 'l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-

*"wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa, illi kif appena tinghata sentenza, hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x'imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament."*

L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Karl Gialanze"** [17.5.1994.] "**Il-Pulizija vs. Francis Micallef"** [5.7.1994], **"Il-Pulizija vs. Francis Scicluna"** [20.1.1995] u **"Il-Pulizija vs. Carmel Attard" [**30.6.95], **"Il-Pulizija vs. Carmelo sive Charles Dingli"** [18.10.2007] u **"Il-Pulizija vs. Anthony u Victor Seguna"** [18.10.2007], "**Il-Pulizija vs. Joseph Oliva"** [12.6.2008], **"Il-Pulizija vs. Robert Camilleri"** [2.7.2008] u ohrajn.

Illi huwa minnu li, kif gie ritenut fl-ahhar sentenza fuq imsemmija, l-gurisprudenza rrikonoxxiet certi eccezzjonijiet, bhal per ezempju fil-kaz ta' nuqqas ta' talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kaz ta' appell limitat ghall-piena ta' prigunerija sospiza (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. M. Mifsud"** fuq citata); fil-kaz fejn si tratta ta' l-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap.152 (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia"** [7.10.1994]); fil-kaz fejn l-appellant kien b' xi mod impedut milli jaghmel it-talba ( App. Krim**. "La Polizia vs. Pietro Laus et."** 17.5.1924]) jew fil-kaz fejn ikun hemm zball jew nuqqas da parti tal-Ewwel Qorti jew xi ufficjal taghha, fis-sens li t-talba tkun saret u din ma tkunx giet registrata (App. Krim . **"Il-Pulizija vs. Karl Gialanze"**, [17.5.1994] u **"Il-Pulizija. vs. Francis Scicluna") pero' ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet** ma jikkonfiguraw fil-kaz in ezami ghaliex ghalkemm giet erogata piena ta' sentenza sospiza giet ukoll erogata piena pekunjarja ta' Ewro 1,165 fil-kaz ta' kull wiehed miz-zewg appellanti u kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano fl-appell: **"Il-Pulizija vs. Carmel Attard**"

[30.6.1995], l-piena tal-multa hija applikabbli u esegwibbli minnufieh u l-fatt li l-appellant ma jkunx ghadu hallasha *“ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabilita’ tas-sentenza ossia l-irritwalita’ tar-rikors tal-appell, peress li kif inhu maghruf, anki meta ma jinghatax zmien ghall-hlas, il-burokrazija tal-amministrazzjoni tal-Qorti tiehu granet, gimghat u xi kulltant xhur biex il-multi jingabru*".

Illi umbaghad din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza Taghha fil-kawza **“Il-Pulizija vs. George Cefai”** [23.4.1997] dahlet *“funditus”* fil-kwistjoni ta’ meta ma tkunx intalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, u meta din tintalab wara xi granet, izda entro t-terminu tal-appell, kif gara f’dan il-kaz. Dik il-Qorti fis-sentenza citata kienet irriferiet ghall-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment li :-

*“Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta’ prgunerija sospizi ) w d-dispozizzjonijiet ta’ dan il-Kodici dwar il-hlas ta’ pieni ta’ flus, KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA.”* (Emfasi ta’ din il-Qorti)

Umbaghad irriferiet ukoll ghall-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici li jghid testwalment li :-

*“persuna misjuba hatja ...tista’ , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza , taqla mill-qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ....”*

Dik il-Qorti kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien, necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista’ tigi milqugha, jehtieg li tigi maghmula mmedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b’dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat. Dik il-Qorti umbaghad marret oltre w ddijarat ukoll li it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula **wara** s-sentenza ma setghetx tigi akkolta bil-ligi, ghax sadattant is-sentenza suppost li kienet gja giet esegwita w li meta l-Ewwel Qorti

kienet laqghet it-talba maghmula tardivament ma kienetx kompetenti li tilqaghha w ziedet tghid :-

*“Di fatti wara li s-sentenza tkun giet in esekuzzjoni l-Qorti ma jkollha ebda setgha fuq dik l-esekuzzjoni, hlief li tiddisponi dwar il-mod tal-hlas tal-pieni pekunjarji. Ghalhekk l-akkoljiment mill-Ewwel Qorti tat-talba ta’ l-appellant ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata, kien null u bla effett fil-ligi. Bhala konsegwenza l-esekuzzjoni ta’ dik is-sentenza ma setghetx tigi sospiza, b‘mod allura li l-appellant ma setax jappella.”*

Illi din il-Qorti kif preseduta segwiet din il-gurisprudenza fl-Appell **Kriminali “Il-Pulizija vs. Victor Vella”** [6.1.2003] u qablet ma dan ir-ragunament u irritjeniet li bil-fatt li l-appellant, ma deherlux li kellu jiddikjara li jrid jappella, mmedjetament wara li nghatat is-sentenza, kien wassal biex kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-senteza.

Illi pero’ fil-kaz in ezami hemm fil-kaz tal-appellant Pace fattur iehor li jrid tigi indirizzat Dan hu l-hlas akkont minnu ta' parti mill-multa li zgur skond il-gurisprudenza nostrana tammonta ghall-akkwiexxenza. (ara : Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Paul Abela"** [8.2.2007] u ohrajn.)

Illi inoltre fil-kaz ta' Pace lanqas ma gie rispettat il-vot tal-ligi taht l-artikolu 416 (1) tal-Kap.9 li jghid li biex il-persuna li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja u li tkun iddikjarat li trid tappella, taqla’ s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza , trid “taghti garanzija tajba, skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577,li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-Qorti superjuri kull darba li tigi imsejjha minn din il-Qorti. Izda l-appellant Pace ovvjament u kif jirrizulta mill-atti processwali ma ta’ ebda garanzija simili w ghalhekk ma giex osservat il-kliem tal-ligi ***“kemm il-darba taghti garanzija tajba”*** li tidher li hi kondizzjoni ‘*sine quo non’* biex il-persuna taqla’ mill-Qorti s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza li tkun talbet.

Illi umbaghad kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Disma Attard"** [8.2.2007]:-

*"…din il-pozizzjoni ma mbidlitx bl-introduzzjoni recenti tas-subartikolu gdid (3A) ghall-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali bl-Att XVI tal-2006. Dan ghaliex dan is-subartikolu japplika biss ghall-kazijiet imsemmija fis-subartikolu (3) li jipprecedieh u cioe' fejn il-persuna misjuba hatja tkun taht arrest."*

F' dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellanti kienu taht arrest meta nghatat is-sentenza appellata u ghalhekk ghalihom ghadhom japplikaw bis-shieh u bla ebda eccezzjoni d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-art.416 li jghid li l-persuna misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja, tista', meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, kemm il-darba taghti garanzija tajba skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577, li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-qorti superjuri kull darba li tigi msejjha minn dik il-Qorti . (Sottolinear t' din il-Qorti).

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensuri tal-appellant Paul Borg ghamlu riferenza ghall-sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawzi "**Il-Pulizija vs Andre' Sant**" [14.08.2003] **u "Il-Pulizija vs. Mario Mifsud"** [5.5.1994].

Fl-ewwel sentenza dik ta' **Sant** kien gie deciz li ma hemm xejn fil-ligi li espressament jimpedixxi li sentenza, li ma tkunx giet esegwita jew esegwita kollha kemm hi entro t-tmint ijiem jew tnax il-jum ta' xoghol skond il-kaz, tigi sospiza l-esekuzzjoni taghha. Dak li l-ligi, kif riflessa anki fil-gurisprudenza, ma tridx hu li jkun hemm l-akkwiexxenza f' dik is-sentenza da parti tal-hati, li wara jipprova jappella minnha. Gie ukoll eleborat f' din is-sentenza li:

*"Tali akkwiexxenza tirrizulta meta (1) jew il-hati jaghmel, fiz-zmien stabilit ghall-appell, xi haga li turi li qed joqghod ghal dik is-sentenza (bhal per ezempju, ihallas il-multa jew*

*ammenda, jew anki semplicement jitlob zmien ghall-hlas rateali - ara* ***Il-Pulizija vs. Carmel Attard*** *30/6/95) jew (2) meta l-hati, entro z-zmien stabilit ghall-prezentata tar-rikors tal-appell, jonqos milli jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza. Huwa f' dan is-sens li l-gurisprudenza pparifikat, bhala massma generali, in-nuqqas tat-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 ma l-akkwiexxenza. (ara inter alia,* ***Il-Pulizija vs. Francis Scicluna*** *20/1/95), u cioe' meta l-hati, minghajr ma jitlob is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, jghaddi biex jipprezenta r-rikors ta' appell."*

Fil-kaz ta' **Mifsud** citat mid-difensuri ta' Borg gie ritenut li sentenza ta' prigunerija sospiza mhix ezegwibbli immedjetament u ghalhekk ma hemm ebda inkompatibilita' bejn in-nuqqas ta' talba skond l-artikolu 416 u l-appell limitatament ghal din il-piena. Pero' f' dik il-kawza, fejn l-appellant kien gie kundannat kemm ghall-sentenza ta' prigunerija sospiza kif ukoll ghall-multa w konfiska, gie ukoll ritenut li: *"Kwantu ghall-multa u ghall-konfiska, l-appell odjern mhux sostenibbli fuq l-iskorta tal-gurisprudenza ga citata; izda kwantu ghas-sentenza ta' prigunerija sospiza, proprju peress li l-prigunerija in kwistjoni hi sospiza w mhux esegwibbli immedjetament "* l-appell li sar bla talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ma kienx null.

B' din l-ahhar sentenza gie stabilit li fejn ikun hemm sentenza li tikkomprendi sanzjoni kemm ta' multa kif ukoll dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-multa tista' tigi appellata biss jekk tkun saret talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, mentri appell rigwardanti dik il-parti tas-sentenza li tkun erogat sentenza ta' prigunerija sospiza jibqa' ritwali w validu anki jekk ma jkunx precedut minn talba simili Sa hawn din il-Qorti taqbel ghax dan ikun konformi mall-gurisprudenza kostanti in materja. Ergo l-appell taz-zewg appellanti in kwantu jibqa' biss limitat ghall-piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza jibqa' validu.

Fejn din il-Qorti ma taqbilx hu mal-partenza mill-istess gurisprudenza li tista' tohrog mis-sentenza ta' **Sant** u cioe' fejn tghid li t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tista' ssir f' kull zmien moghti ghall-prezentata tar-rikors tal-appell. Din is-sentenza tidher li tikkozza mas-sentenza l-ohra fuq citata fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Carmel Attard"** moghtija mill-istess gudikant, fejn gie ritenut li ladarba l-piena tal-multa hija applikabbli u esegwibbli minnufieh, il-fatt li l-appellant ma jkunx ghadu hallasha: ***"ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabilita' tas-sentenza ossia l-irritwalita' tar-rikors tal-appell, peress li kif inhu maghruf, anki meta ma jinghatax zmien ghall-hlas, il-burokrazija tal-amministrazzjoni tal-Qorti tiehu granet, gimghat u xi kulltant xhur biex il-multi jingabru"*****.**

Barra minn hekk, din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li taghmel is-segwenti osservazzjoni fir-rigward tas-sentenza ta' **Sant** fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Oliva"** [12.6.2008] fejn irriteniet li:-

*"Bid-dovut rispett ghal din is-sentenza li tikkostitwixxi "una rondine" w cioe' kaz isolat li jikkonfliggi mal-gurisprudenza precedenti fuq citata, jidher li bl-emenda tal-artikolu 416 u cioe' biz-zieda tas-sub-artikolu 3A, din l-interpretazzjoni issa tkun tikkozza mad-dispozizzjoni espressa tal-ligi applikabbli llum u cioe' mill-2006 'l hawn. Ghalhekk f'kull kaz tali interpretazzjoni zgur li ma tistax treggi aktar illum wara din l-emenda."*

Dan ghaliex ladarba l-artikolu (3A) jghid li n-nuqqas li ssir dikjarazzjoni ta' l-appell kif mahsub fis-subartikolu (3) ma jkunx ta' ostakolu li l-parti misjuba hatja tappella mis-sentenza sakemm l-appell isir fiz-zmien moghti mill-ligi, u dan japplika biss ghal kaz tal-persuni imsemmija fis-subartikolu (3) u cioe' ghall-persuna hatja **<u>li tkun taht arrest</u>**, *arguendo a contrario sensu*, isegwi li fil-kaz ta' persuna li ma tkunx taht arrest, bhal ma kienu z-zewg appellanti fid-data tas-sentenza appellata, n-nuqqas li ssir dikjarazzjoni ta' appell <u>IKUN TA' OSTAKOLU</u> ghall-parti misjuba hatja li tappella.

Konsegwentement ladarba il-piena tal-multa kienet esegwibbli minnufieh u ladarba fil-kaz ta' Pace ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w anzi addirittura, kien anki beda jhallas parti mill-multa, kif jirrizulta mir-ricevuta annessa ma' l-atti processwali w, fil-kaz ta' Borg, din it-talba saret tardivament, kif fuq intqal, din il-Qorti tqis li in kwantu iz-zewg appelli jirrigwardaw il-piena tal-multa erogata mill-Ewwel Qorti, dawn huma nulli w bla effett, ghax ma giex rispettat il-vot tal-ligi kontenut fl-artikolu 416.

Jigi osservat li r-ragunijiet dedotti mill-appellant Pace fin-nota spjegattiva tieghu ghaliex hu l-ewwel iddecieda li ma jappellax umbaghad wara kellu ripensament meta nduna mit-television li ser jitlef it-*tag,* bl-ebda mod ma jaffettwaw il-pozizzjoni legali kif fuq enuncjata. X' piena giet negozjata - anki jekk din "***kienet accettabbli"*** ghall-appellant - mhux skond il-procedura kif stablita fil-gurisprudenza (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Mario Spagnol"** [6.1.2005] u **"Il-Pulizija vs. Jason Spagnol"** [6.1.2005] u x' ghamlet l-Awtorita' dwar it-Trasport meta wara ddikjarat li ser tissospendi it-*tags* tal-appellant u dawk li kienu ser jinstabu hatja bhalu ma jeffettwawx il-kwistjoni tan-nullita' o meno tal-appell. Lanqas ma hu korrett dan l-appellant meta jghid li l-kaxxier tal-Qorti ghamel xi azzjoni intempestiva w zbaljata meta accetta pagament akkont tal-multa offrut u mhallas mill-istess appellant Pace.

Ghal dawn l-motivi w fid-dawl ta’ din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika moghtija minn din il-Qorti kemm diversament preseduta kif ukoll kif issa preseduta, din il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali limitatament w tiddikjara l-appelli taz-zewg appellanti irritwali w nulli in kwantu jolqtu l-piena tal-multa erogata mill-Ewwel Qorti w konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, pero' tichadha in kwantu dawn l-appelli jolqtu il-piena ta' sentenza ta' ghoxrin xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin ghar-ragunijiet fuq imsemmija, w ghalhekk tordna li l-kawza tkompli tigi trattata biss fuq dan it-terren fis-seduta tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------